IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.8.2020
COM(2020) 455 final

2020/0214 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 lill-Polonja biex jittaffew r-riskji tal-qgħad f'sitwazzjoni ta' emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill 2020/672 ("ir-Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ bis-saħħa ta' SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol għal żmien qasir jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b'hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Polonja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Pollakki biex tivverifika ż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa reali u ppjanata direttament marbuta mal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili kaġun tal-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, dan jikkonċerna:

(1) tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema għal rashom u kumpaniji li jimpjegaw sa 50 ruħ biex jipproteġu lill-postijiet tax-xogħol b'risposta għat-tifqigħa tal-COVID-19. It-tnaqqis applika għall-perjodu bejn Marzu u Mejju 2020. Dawk li jimpjegaw sa 10 min-nies u – fil-biċċa l-kbira – dawk li jaħdmu għal rashom, setgħu jibbenefikaw minn tnaqqis sħiħ, filwaqt li għall-entitajiet li jimpjegaw bejn 10 u 50 impjegat, it-tnaqqis kien jammonta għal sa 50 %.

(2) benefiċċju għal perjodu ta' inattività għan-nies li jaħdmu għal rashom u dawk li jaħdmu skont kuntratti tal-liġi ċivili li esperjenzaw tnaqqis fid-dħul minħabba l-kriżi. Il-miżura tikkonsisti minn somma f'daqqa għan-nies li jaħdmu għal rashom (50 % jew 80 % tal-paga minima – skont it-tnaqqis fid-dħul) u dawk li qed jaħdmu taħt kuntratti atipiċi (sa 80 % tal-paga minima) biex tikkumpensahom għal tnaqqis fid-dħul.

(3) sussidji għal salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bil-kundizzjoni li kien hemm tnaqqis fil-fatturat minħabba l-kriżi. Irrispettivament mid-daqs tagħhom, l-impriżi jistgħu jitolbu kofinanzjament temporanju tal-ispejjeż tas-salarji u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom.

(4) sussidji għan-nies li jaħdmu għal rashom u li m'għandhomx impjegati. Is-sussidji jipprovdu kofinanzjament temporanju ta' parti mill-ispejjeż tal-operat ta' negozju li jiġġarrbu minn persuni fiżiċi mingħajr impjegati. L-ammont jiddependi fuq it-tnaqqis fil-fatturat u jammonta għal bejn 50 % u 90 % tal-paga minima.

(5) miżura li tipprovdi self li jista' jiġi kkonvertit f'għotjiet lil persuni li jaħdmu għal rashom, mikrokumpaniji u organizzazzjonijiet nongovernattivi. Il-miżura tipprovdi mikroself ta' sa PLN 5 000. Is-self jista' jiġi kkonvertit f'għotjiet jekk il-benefiċjarju jkompli l-operazzjonijiet għal tliet xhur wara li s-self ikun tħallas. Il-Polonja pprovdiet l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja lill-Polonja bis-saħħa tar-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill 2020/672, li bis-saħħa tiegħu qed issir il-proposta.

Din il-proposta ġejja apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi kbar ta' saħħa pubblika u jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġja ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jipproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u t-telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku dirett ikkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bil-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istati Membri, jiddaħħlu salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-soliditá finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti li jistgħu jingħataw lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

2020/0214 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 lill-Polonja biex jittaffew r-riskji tal-qgħad f'sitwazzjoni ta' emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Polonja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tagħha għall-ħaddiema.

(2) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mill-Polonja biex titrażżan it-tifqigħa u l-impatt soċjo-ekonomiku kif ukoll dak sanitarju tagħha mistennija jkollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, il-Polonja kienet mistennija jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 9,5 % u 58,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2020. Skont il-previżjoni interim tas-sajf tal-2020 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Polonja huwa previst li jonqos b'4,6 % fl-2020.

(3) It-tifqigħa tal-COVID-19 ipparalizzat parti sostanzjali tal-forza tax-xogħol fil-Polonja. Dan wassal għal żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika fil-Polonja fir-rigward ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għan-nies li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji li ma jimpjegawx aktar minn 50 persuna, benefiċċju għall-perjodu ta' inattività għal min jaħdem għal rasu u dawk li jaħdmu b'kuntratti tal-liġi ċivili, sussidji għas-salarji u l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sussidji għal min jaħdem għal rasu u m'għandux impjegati, u self li jista' jiġi konvertit f'sussidji mogħtija lil min jaħdem għal rasu, lill-mikrokumpaniji, kif stipulat fil-premessi minn 4 sa 8.

(4) B'mod aktar speċifiku, "l-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, mal-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom"[2], kif inhu msemmi fit-talba tal-Polonja tas-6 ta' Awwissu 2020, introduċa tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal min jaħdem għal rasu u għall-kumpaniji b'mhux aktar minn 50

[1] ĠU L 159, 20.5.2020, p.1.
[2] Dz.U. 2020 poz. 374, bl-emendi

impjegat biex jitħarsu l-postijiet tax-xogħol b'risposta għat-tifqigħa tal-COVID-19. It-tnaqqis applika għall-perjodu bejn Marzu u Mejju 2020. Dawk li jimpjegaw sa 10 minnies u – fil-biċċa l-kbira – dawk li jaħdmu għal rashom, setgħu jibbenefikaw minn tnaqqis sħiħ, filwaqt li għall-entitajiet li jimpjegaw bejn 10 u 50 impjegat, it-tnaqqis kien jammonta għal sa 50 %. It-tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jista' jitqies bħala miżura simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/672, minħabba li għal dawk li jaħdmu għal rashom, għandu l-għan li jipproteġihom minn tnaqqis jew telf tad-dħul u, għall-kumpaniji li ma jimpjegawx aktar minn 50 ruħ, jappoġġa lill-impjegati li jibqgħu f'impjieg sa tmiem il-miżura. It-tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jikkonsisti fi dħul mitluf għall-gvern, li għall-għan tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 2020/672 jista' jitqies ekwivalenti għal nefqa pubblika.

(5) Barra minn hekk, l-awtoritajiet introduċew benefiċċju għal perjodu ta' inattività għannies li jaħdmu għal rashom u dawk li jaħdmu skont kuntratti tal-liġi ċivili li esperjenzaw tnaqqis fid-dħul minħabba l-kriżi. Il-miżura tikkonsisti minn somma f'daqqa għan-nies li jaħdmu għal rashom (50 % jew 80 % tal-paga minima – skont it-tnaqqis fid-dħul) u dawk li qed jaħdmu taħt kuntratti atipiċi (sa 80 % tal-paga minima) biex tikkumpensahom għal tnaqqis fid-dħul.

(6) Ġew introdotti sussidji għal salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bil-kundizzjoni li kien hemm tnaqqis fil-fatturat minħabba l-kriżi. Irrispettivament middaqs tagħhom, l-impriżi jistgħu jitolbu kofinanzjament temporanju tal-ispejjeż tas-salarji u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom. Is-sussidji għas-salarji u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jistgħu jitqiesu bħala miżura simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, f'dak li jirrigwarda n-nefqa mġarrba minn kumpaniji li jużaw ix-xogħol b'ħinijiet aqsar, li jnaqqsu l-ħin tax-xogħol volontarjament jew meta l-impjegati kienu kontinwament f'impjieg sal-aħħar *data* dwar l-eżitu tal-baġit disponibbli, minħabba li huwa meħtieġ li l-kumpaniji jżommu l-impjiegi, sew tul il-perjodu tal-ħin tax-xogħol imqassar jew sal-aħħar data dwar l-eżitu tal-baġit disponibbli.

(7) L-awtoritajiet introduċew sussidji għal min jaħdem għal rasu u ma jkollux impjegati. Is-sussidji jipprovdu kofinanzjament temporanju ta' parti mill-ispejjeż tal-operat ta' negozju li jiġġarrbu minn persuni fiżiċi mingħajr impjegati. L-ammont jiddependi fuq it-tnaqqis fil-fatturat u jammonta għal bejn 50 % u 90 % tal-paga minima.

(8) Finalment, l-awtoritajiet introduċew miżura li tipprovdi self li jista' jiġi kkonvertit f'għotjiet lil persuni li jaħdmu għal rashom, mikrokumpaniji u organizzazzjonijiet nongovernattivi. Il-miżura tipprovdi mikroself ta' sa PLN 5 000. Is-self jista' jiġi kkonvertit f'għotjiet jekk il-benefiċjarju jkompli l-operazzjonijiet għal tliet xhur wara li s-self ikun tħallas. Sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li n-nefqa tkun pubblika, jenħtieġ li tkun in-nefqa relatata ma' self li jiġi konvertit f'għotjiet biss li tiġi appoġġata skont ir-Regolament (UE) 2020/672.

(9) Il-Polonja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Polonja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żdiedet b'EUR 11 668 118 894 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjo-ekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din tikkostitwixxi żieda għal għarrieda u qawwija minħabba li hija relatata ma' miżuri ġodda u estensjoni tal-miżuri eżistenti, li jkopru proporzjon sinifikanti tal-impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Polonja.

(10) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Polonja u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika reali u ppjanata direttament relatata mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.

(11) Għalhekk jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Polonja tiġi megħjuna tindirizza l-effetti soċjo-ekonomiċi tat-taqlib ekonomiku gravi kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19.

(12) Jenħtieġ li din id-deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE. Din ma teliminax il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta'għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 TFUE.

(13) Jenħtieġ li l-Polonja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Polonja implimentat dik in-nefqa.

(14) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Polonja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza. B'mod partikolari, l-ammont tas-self ġie stabbilit biex jiżgura l-konformità mar-regoli prudenzjali applikabbli għall-portafoll tas-self kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Polonja tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672.

Artikolu 2

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Polonja self li jammonta għal massimu ta' EUR 11 236 693 087. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-għajnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 18-il xahar li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Polonja f'massimu ta' għaxar ħlasijiet parzjali. Ħlas parzjali jista' jingħata f'parti waħda jew iktar. Il-maturitajiet tal-partijiet taħt l-ewwel ħlas parzjali jistgħu jkunu itwal mill-maturità medja massima msemmija fil-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, il-maturitajiet ta' segmenti oħrajn għandhom ikunu stabbiliti b'tali mod li l-maturità medja massima msemmija fil-paragrafu 1 tiġi rispettata ladarba jsir l-iżborż tal-ħlasijiet parzjali kollha.

4. L-ewwel pagament għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.

5. Il-Polonja għandha tħallas il-kost tal-finanzjament tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/672 għal kull ħlas parzjali flimkien ma' kwalunkwe tariffa, kost u spiża tal-Unjoni li jirriżultaw minn kwalunkwe finanzjament.

6. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar id-daqs u r-rilaxx tal-pagamenti parzjali, kif ukoll dwar id-daqs tal-partijiet.

Artikolu 3

Il-Polonja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif previst mill-Art. 31zo tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom, għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ ta' persuni li jaħdmu għal rashom u, għal kumpaniji li ma jimpjegawx aktar minn 50 persuna, il-parti tan-nefqa fir-rigward tal-ħaddiema li baqgħu f'impjieg;

benefiċċju għal perjodu ta' inattività għal min jaħdem għal rasu u dawk li jaħdmu skont kuntratti tal-liġi ċivili, kif previst mill-Art. 15zq u 15zua tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom;

sussidji għal salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' kumpaniji li qed jużaw ix-xogħol b'ħinijiet aqsar jew li volontarjament naqqsu l-ħin tax-xogħol jew meta l-impjegati kienu kontinwament f'impjieg, kif previst mill-Art. 15g, 15ga, 15gg, 15zzb, 15zze, 15zze^2 tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom;

sussidji għal persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati kif previst mill-Artikolu 15zzc tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom;

self konvertibbli f'sussidji mogħtija lil min jaħdem għal rasu, mikrokumpaniji u organizzazzjonijiet nongovernattivi, għall-ammont realment ikkonvertit f'għotjiet, kif previst mill-Art. 15zzd u 15zzda tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-eradikazzjoni tal-COVID-19, mard infettiv ieħor u sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minnhom.

Artikolu 4

Il-Polonja għandha tinforma lill-Kummissjoni sa [*DATA: 6 xhur wara d-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni*], u kull 6 xhur wara l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sa dak iż-żmien li n-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata b'mod sħiħ.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President